MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-26 ta' April, 2007

Citazzjoni Numru. 753/2006

Avukat Dottor Melvyn Mifsud LL.D., detentur tal-karta ta’ l-identita numru 605761 ittra “M”, bhala mandatarju specjali tas-socjeta estera Montblanc-Simplo GmbH, ta’ Hellgrundweg 100, D-22525, Hamburg, il-Germanja

**vs**

L-Avukat Dottor Mark Busuttil u il-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud b’digriet tas-16 ta’ Novembru, 2006 nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil VISA NEGOCE(SARL)IMPORT EXPORT, No. 341 Rue 10, LOT HADJ, FATAH LISSAFA, CASABLANCA MOROCCO

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attur nomine fl-10 ta’ Awissu, 2006, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi l-Avukat Dottor Melvyn Mifsud jirraprezenta lis-socjeta estera Montblanc-Simplo GmbH, ta' Hellgrundweg 100 D-22525, Hamburg, il-Germanja, bhalma jirrizulta mill-prokura, vera kopja ta' l-istess, hawn annessa u mmarkata bhala Dokument *M.M.* 1;

Illi s-socjeta attrici estera hija maghrufa sew fid-dinja, inkluz gewwa Malta, inter alia in konnesjoni ma' diversi prodotti fosthom "writing instruments, fountain pens, ball-point pens and pencils, pouches for writing instruments, inks and refills, stationery" u prodotti ancillari ghall-istess , u hija propjetarja ta' diversi marki (trademarks) li jkopru dan in-negozju vast taghha;

Illi b'hila, b'invenzjoni kif ukoll b'hafna sagrificcju finanzjarju u promozzjoni reklamattiva da parti taghha, is-socjeta attrici akkwizixxiet reputazzjoni u avvjament enormi kemm fis-suq barrani u kif ukoll fis-suq Malti, in konnessjoni mal-marki (trademarks) taghha;

Illi in partikolari, is-socjeta attrici ghandha registrata f Malta marka (trademark) liema marka ggib in-numri tar-registrazzjoni 25869 bhalma jirrizulta mid-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dokumenti MM 2, u dan dwar diversi prodotti fosthom "writing instruments, fountain pens, ballpoints and pencils, pouches for writing instruments, inks and refills, stationery" u prodotti ohrajn ancillary, fost ohrajn li jaqghu fi klassi sittax (16) tal-Klassifikazzjoni Internazzjonali ta' Prodotti u Servizzi taht in-Nice Agreement Concerning the International Classification of Goods and Services for the Purposes of the registration of Marks;

Illi dwar dawn l-oggetti (fost ohrajn), is-socjeta attrici hija *detentrici ta' dritt* ghall-iskopijiet tad-disposizzjonijiet relevanti ta' l-Att dwar Drittijiet Dwar Propjeta Intelletwali (Mizuri Intrakonfini) (Kapitlu 414 ta' l-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta' Malta, biex b'hekk inter alia tgawdi mill-protezzjoni moghtija taht dik l-istess ligi, fl-artikli 2(1)(a)(i), 4 u 8 (1) taghha;

Illi ricentement waqt il-verifiki u skrutinji taht xi wahda mill-proceduri doganali msemmija fl-artiklu 4 ta' l-istess Kapitolu 414 hawn qabel imsemmija, il-Kontollur tad-Dwana kien issopenda r-rilaxx tal-container IPXU 3018214, konsistenti inter alia fi tlett elef u mitt (3,100) "writing pens" , li fihom il-kliem MONT BLANC jew indikazzjonijiet ohrajn simili, liema prodotti waslu fil-Freeport Terminal tad-Dwana in transit ghar-rilaxx eventwali favur consignee/importatrici ndikata fuq l-istess polza ta' kargu, kopja hawn annessa u immarkata bhala Dokument M M 3, bhala VISA NEGOCE (SARL) IMPORT EXPORT, u prima facia deher car lill-Kontrollur tad-Dwana li kienu jikkontravenju dritt ta' propjeta intelletwali ;

Illi s-socjeta attrici giet infurmata b'din is-sejba u wara li ezaminat wiehed minn dawn l-oggetti, ikkonfermat lill-istess Kontrollur tad-Dwana li fil-fatt dawn huma oggetti kontrafatti (counterfeit) u li ghalhekk jikkontravvjenu d-drittijiet dwar propjeta intelletwali, appartenenti lis-socjeta attrici, bhalma jidher mill-hawn ipprezentat dokument relatat, immarkat bhal Dokument MM 4.

Illi l-azzjonijiet tal-konvenuta jiksru d-disposizzjonijiet ta' artiklu 4 tal-Kap 414 hawn fuq imsemmi kif ukoll ta' l-artikli 10(1) u 2(b) ta' l-Att Dwar it-Trademarks (Kap 416) u japplikaw ghall-kaz id-disposizzjonijiet rilevanti ta' l-artikli 14 sa 19 tal-Kap 416,2 u 8 (1) tal-istess Kap 414 u 76A(1) ta' l-Att XXII tas-sena 2005 dwar Azzjonijiet Gudizzjarji (Mizuri Varji);

Illi sussegwentement is-socjeta attrici inghatat id-dettalji tal-konvenuta mill-Kontrollur tad-Dwana u gie lis-socjeta atttrici prefiss terminu, mill-istess Kontrollur tad-Dwana sabiex tinghatalu l-prova li nbdew l-opportuni procedimenti gudizzjarji civili fil-konfront tal-konvenuta, li jwasslu ghal decizjoni sostantiva dwar il-merti tal-kaz;

Illi l-esponent nomine jaf personalment bil-fatti hawn kollha dikjarati;

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Talab lill-konvenuti nomine jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1) Tiddikjara li l-oggetti konsistenti fi tlett elef u mitt (3,100) "writing pens" bil-kliem MONT BLANC jew indikazzjonijiet ohrajn simili u li prezentement jinsabu taht il-kustodja u kif ukoll taht l-awtorita tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issospenda r-rilaxx tal-container IPXU 3018214, kontenenti l-imsemmija oggetti jikkontravenju d-drittijiet ta' propjeta intelletwali tas-socjeta attrici fir-rigward tat-trademarks taghha registrati f’Malta, bin-numri tar-registrazzjoni 25869, konsistenti fi kliem MONT BLANC jew indikazzjonijiet simili;
2) Tiddikjara u tiddecidi illi d-dhul gewwa Malta u / jew l-importazzjoni temporanja u / jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din il-kunsenja in kwistjoni ta' tlett elef u mitt "writing pens", fil-container numru IPXU 3018214 da parti tal-konvenuta u li jinsabu maqbuda, wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta attrici lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravenji d-dritt ta' propjeta intelletwali tas-socjeta attrici in kwantu li ma humiex prodotti genwini jew originali skond artikolu 2(1)(a)(i)(ii)(iii) u (b) tal-Kap. 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Propjeta Intelletwali (Mizuri Inrtakonfini) u ghaldaqstant vjolazzjoni ta' l-istess artikolu 4 ta' l-istess Kap. 414 u dan fil-konfront tat-trademarks fuq imsemmija tas-socjeta attrici;
3) Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali oggetti 'l hinn mill-kanali tal-kummerc b'dak il-mod li jipprekludi xi hsara lis-socjeta attrici jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-oggetti in kwistjoni, f’kull kaz minghajr ebda kumpens lill-konvenut u dan ghas-spejjez tal-konvenut, inkluz dawk tat-trasport ta' l-imsemmija oggetti, tal-hazna qabel id-destruzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-trasport tal-hazna sal-lok ta' l-eventwali distruzzjoni u tad-distruzzjoni stess, skond Artiklu 8 tal-Kap 414;
4) Tiehu kull mizura u/jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiehu kull mizura ohra dwar l-oggetti in kwistjoni li jkollha l-effett li effettivament iccahhad lill-konvenuta mill-beneficcji ekonomici taghha;
5) Tordna kull rimedju iehor li tista' skond it-termini ta' l-Att dwar Drittijiet Dwar Propjeta Industrijali (Mizuri

Intrakonfini) - Kap 414 tal-Ligijiet ta' Malta u / jew skond it-termini tar-Regolamenti tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003, fil-konfront tas-socjeta attrici;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa' minn issa ngunta ghas-subizzjoni taghha;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tas-16 ta' Novembru, 2006, li "in forza" tieghu inhatru l-Avukat Dr Mark Busuttil u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud bhala kuraturi biex jirrapprezentaw lis-socjeta' konvenuta ghall-finijiet kollha tal-Ligi;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti kuraturi deputati li *in forza* taghha eccepew :

Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u qed jirrizervaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata kif, meta u jekk jigu edotti mill-fatti;

Rat ir-risposta guramentata ulterjuri tal-konvenuti kuraturi deputati li "in forza" taghha eccepew :

Illi s-socjeta' konvenuta qed tiddikjara ruhha in buona fede fir-rigward is-sitwazzjoni kif spjegata fil-korp tar-rikors promotorju liema haga qed tirrizulta mill-e-mail li l-kuratur deputat ircieva liema e-mail tispjega s-sitwazzjoni / posizzjoni tas-socjeta' estera li qed tirribatti u tirrifjuta kull responsabilita Dok 'NM';

Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat :

Irrizulta illi Dr Melyvn Mifsud huwa l-mandatarju specjali f'Malta tas-socjeta estera Montblanc-Simplo GmbH, ghal

dak li jirrigwarda il-marki u l-protezzjoni tal-marki ta’ din is-socjeta’ f’Malta. Gara illi idahhlet konsenja f’Malta permezz tal-container IPXU 3018214 konsistenti inter alia fi tlett elef u mitt ‘writing pens’ li fihom il-kliem Mont Blanc, jew indikazzjonijiet ohrajn simili suspettati li kienu foloz; liema prodotti waslu fil-Freeport Terminal tad-Dwana in transit ghar-rilaxx eventwali favur importatrici indikata fuq il-polza ta’ kargu, bhala VISA NEGOCE (SARL) IMPORT EXPORT u prima facie deher car lill-Kontollur tad-Dwana li kienu jikkontravjenu dritt ta’ proprjeta intellettwali.

Illi s-socjeta’ attrici giet infurmata b’din is-sejba u wara li ezaminat wiehed minn dawn l-oggetti ikkonfermat lill-Kontrollur tad-Dwana illi fil-fatt dawn kienu oggetti kontrafatti. Sussegwentement is-socjeta’ attrici inghatat id-dettalji tal-konvenuta mill-Kontrollur tad-Dwana u l-istess Kontrollur tad-Dwana ipprefigga terminu lis-socjeta’ attrici sabiex taghmel il-kawza odjerna, kif fil-fatt ghamlet.

Illi l-konvenuti kuraturi deputati kitbu lis-socjeta’ konvenuta illi irrispondiethom fis-sens illi iddikjarat ruhha in buona fede u irribattiet u irrifjutat kull responsabbilita. Il-kuraturi deputati iddikjaraw f’dawn l-atti li kienu qeghdin jirrimettu ruhhom ghall-provi processwali. L-attur nomine esebixxa affidavit ta’ Frisanco Marc, rapprezentant tad-ditta estera Mont Blanc, fis-sens illi l-oggetti in kwistjoni illi ingabu Malta huma kollha kontrafatti.

Illi wara li l-Qorti qieset il-provi prodotti u l-fatti fuq imsemmija ma dak li tipprovdi l-ligi waslet ghas-segwenti konkluzjonijiet :

a. il-kumpannija attrici hija detentrici ta’ dritt li ghalih japplika l-Att VIII tal-2000, u dan kif imfisser fl-artikolu 2 tieghu;

b. illi l-oggetti mnizzla l-art f’Malta ma kellhomx marka li saret bil-kunsens tal-kumpannija attrici u lanqas jidher li gew manufatturati bil-kunsens taghha, u dan ghall-finijiet tal-artikolu 3 tal-imsemmi Att;

c. li d-dhul tal-imsemmija oggetti huwa projbit, ladarba jikser il-jeddijiet tal-kumpannija attrici;

d. jidher li l-kumpannija attrici wettqet ukoll l-obbligi taghha dwar taghrif moghti lill-awtoritajiet kompetenti f'Malta ghall-finijiet tal-artikolu 5 tal-Att;

e. it-talba tal-kumpannija attrici biex il-konsenja ta' oggetti in kwistjoni tigi meqruda hija wahda mill-effetti li l-ligi tahseb ghalihom dwar id-dhul f'Malta ta' hwejjeg falsifikati li jiksru l-jeddijiet ta' proprjeta' intellettwali ta' xi persuna, kif imfissra fl-artikolu 2 tal-Att; u

f. il-falsita' tal-imsemmija 'writing pens' tinsab ippruvata fi grad tekniku bizzejjed, u ammissibbli fil-ligi, u l-Qorti ma thossx il-htiega li tahtar espert biex jaghmel kostatazzjonijiet ohrajn, minghajr ma tkun qeghda b'hekk izzid l-ispejjez inutilment;

Illi ghalhekk il-Qorti ssib illi l-attur nomine wera tajjeb bizzejjed illi l-kumpannija estera attrici kellha ragun temmen illi ir-'writing pens' illi ddahhlu f'Malta kif fuq inghad kienu jiksru l-jeddijiet intellettwali taghha kif imharsin minn qabel mill-awtoritajiet Maltin, u li l-helsien taghhom mill-Kontrollur tad-Dwana jkun ifisser telf finanzjarju kbir li ma jkunx hafif ghaliha li taghmel tajjeb ghalih jekk mhux biz-zamma ghal dejjem taghhom jew bil-qerda taghhom, ukoll jekk kien mahsub li l-ahhar destinazzjoni kienet sejra tkun f'pajjiz iehor barra minn Malta.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tilqa' l-ewwel, it-tieni, it-tielet, r-raba u l-hames talbiet attrici u fir-rigward tat-tielet talba attrici tipprefiggi terminu ta' hmistax il-gurnata tax-xoghol mil-lum sabiex il-Kontrollur tad-Dwana jiddistruggi ir-'writing pens' in kwistjoni.

Bl-ispejjez, kontra s-socjeta' konvenuta, b'dan li provizzorjament id-drittijiet tal-kuraturi ghadhom jithallsu mill-attur nomine.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------